# Il - GRAJJA
## tal-
# GUNGLA

mill-ktieb ta'
**Rudyard Kipling**
u l-film animat ta'
**Walt Disney**

*adattament bil-Malti ta'*
*Trevor Zahra*

Mowgli *(tifel)*

Bagira *(pantera)*

Kaa *(serp)*

Balu *(Ors)*

Xierkann *(tigra)*

Ir-Re Lui *(Orongutang)*

Il-Kurunell Hati *(Iljunfant*

Erba' Vultures

Tifla

Grupp ta' Iljunfanti

Grupp ta' Xadini

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

# XENA 1

*Full stage*
*PURTIERA SEWDA*
*TLIET sigriet fin-nofs fuq il-parti ta' wara*

---

Overture flimkien ma' zfin. Wara ftit, maz-zeffiena jinghaqad MOWGLI. Waqt li l-muzika tkompli *sotto voce* u z-zifna tizviluppa f' moviment hafif, jitfacca BAGIRA.

BAGIRA

Kulhadd kuntent! Hemm arahom, jizfnu u jaqbzu bla hsieb ta' xejn. Sa ftti ilu jien ukoll kont bhalhom; imma... xi trid taghmel... sibt ruhi f'bicca nkwiet li xejn ma kelli bzonnha.
Jiena Bagira... kif tistghu taraw: pantera. Kont jien li sibt lil dak it-tfajjel meta kien ghadu tarbija, abbundunat hawn fil-gungla. Gietni hniena minnu u mort hadt ghand il-lupi biex irabbuh huma. Dawn laqghuh bil-ferha u tawhl-isem ta' Mowgli. Kollox mexa harir... propju sa ftit jiem ilu. Sirna nafu li fl-inhawi taghna wasal Xerkann.... it-tigra... annimal kiefer li joqtol kull bniedem li jara.

Issa Mowgli kiber, u l-Lupi ddecedew li l-gungla m'ghadhiex tghodd aktar ghal Mowgli. Qaluli jehtieg jibda jghix mal-bnedmin bhalu. Baghat ghalija l-Lupu l-Kbir u qalli: "Bagira... int kont li gibtu u int jehtieg tiehdu lura fil-villagg!"
Dik hi kollha. Lanqas ftit tal-karita' ma tista' taghmel. Xehtuli dil-bicca xoghol fuq spallejja u telquni. Mowgli zgur qatt mhu se jaccetta li jitlaq mill-gungla; u fuq kollox.... lil Mowgli nqisu bhallikieku ibni stess. Ma nafx kif se ninfired minnu.

<u>Zeffiena jitilqu u MOWGLI jibqa' wahdu.</u>
<u>Jintebah b'BAGIRA</u>.

MOWGLI — Hawn Bagira? Fejn se mmorru nilaghbu llum?

BAGIRA — Illum? Hmmm iva... illum kont qed nahseb li naqbdu t-triq biex immorru f'post 'il boghod hafna.

MOWGLI — *(Eccitat bil-ferh)* Fejn hemm l-ghadira l-kbira?

BAGIRA — Aktar 'il boghod...

MOWGLI — Naqsmu l-pjanura tal-qasab ?

BAGIRA — U nibqghu sejrin aktar 'il boghod. Post tassew sabih... ghalik. Post tal-holm!

MOWGLI — Mela zgur qatt ghadna ma morna f'dal-post!

BAGIRA — Le... qatt ghadna ma morna.

MOWGLI — Hux x'gost! Ara meta nigu lura kemm se jkolli x'nirrakkuntalhom lil-lupi ?

BAGIRA — *(Imbarazzat)* Hmmm... iva... dazgur, dazgur ... meta tigi lira!

MOWGLI — Xi gralek, Bagira? Donnok xejn m'inti f'sikktek! Ara issa mhux l-ewwel webbiltni, imbaghad jerga' jibdielek, tafx!

BAGIRA — Le... le.. m'ghandi xejn. Ara ejja ma nitilfux aktar zmien...

<u>Jidhol KAA s-serp.</u>
<u>Tinstama' ftit muzika minn *"Trust in Me"*</u>

----------------------------------------------------------------------------------------------------

**Xena 1- A**

---

KAA Ara 'l min qed nara dalghodu. Is-ssssliem ghalihom. Kif inti Mowgli?

MOWGLI Jien u Bagira se mmorru vjagg f'post 'il boghod.

KAA Possst 'il boghod? Dan fejn sssssejrin Bagira ?

BAGIRA Hmmm... se mmorru.. se mmorru..... se mmorru f'post 'il boghod.

KAA *(Lil Bagira waqt li jaqbad driegh Mowgli)* Tridx thalli lil Mowgli fi hssssiebi ? Jien naf x'ghandi naghmel bih.

BAGIRA *(Jahtaf lil Mowgli)* Dazgur li taf x'ghandek taghmel bih.

MOWGLI Ghax ma tigix maghna, Kaa ?

BAGIRA Ma jigi xejn!!! Kaa ghandu x'jaghmel hafna.

KAA Nahseb aktar insib x'naghmel kieku kellu nigi passssss maghkom.

MOWGLI *(lil Kaa -- irrabbjat)* Inti jaqaw tridni nqaxxrek haj? Inti oqoghod hawn. Ahna ghandna bizzejjed x'naghmlu. Ejja Mowgli tlaqna.

Bagira u Mowgli Jitilqlu

KAA Ma nafx ghaliex lili kulhadd jahseb hazin fija. Aktar ma jiena sincier, onest, gentili u grazzjusssss... aktar naqla' fuq wicci. Morru morru ma gara xejn. Imma ma ndumux ma nergghu niltaqghu.

KAA jitlaq. MUZIKA.

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 2

*Tinzel il-purtiera tan-nofs*

*Jinzlu wkoll ZEWG sigriet quddiemha*

---

Jidhlu BAGIRA u MOWGLI

BAGIRA Jaqbel nieqfu nistriehu hawnhekk ghal-lejl.

MOWGLI Ghadek m'ghidtlix fejn se mmorru ?

BAGIRA M'hemmx xi nghidlek. Issa la naslu tara b'ghajnejk : post mill-isbah. Adattat ghalik. U issa hallini ghax inhossni ghejejt. *(jitkebbeb u jibda diehel fin-nghas)*

MOWGLI Qed tixjieh Baggy-Boy! Jien ghadni nhossni niflah nimxi lejl shih...

BAGIRA *(nofsu rieqed)* Hmmm... norqod lejl shih.

MOWGLI U ma niqafx qabel ma naslu f'dak il-post tal-holm...

BAGIRA *(jhewden)* Post tal-holm....

MOWGLI Ga qed nimmaginah quddiemi... b'ghajnejja maghluqin.

BAGIRA ...ghajnejja maghluqin.

MOWGLI *(ihares lejn Bagira)* Hemm hu... raqad! Imma jiena m'ghandix nghas. Ej' Bagira... mela inti hekk... taqbad u torqod qisek annimal. Hmmm skuzani, mhux biex noffendik! *(Bagira jibqa' rieqed).* X'taghmel? Nahseb li jaqbel nipprova norqod jien ukoll. *(Jitkebbeb hdejn Bagira. Wara ftit jidhol jaghlaq ghajnejh u jorqod).*

<u>Jidhol KAA</u>

---

**Xena 2- A**

---

KAA Hmmm... ssssibthom sa fl-ahhar. Mela sewwa smajt. Lil Mowgli se jiehdu lura fil-villagg tal-bnedmin. Imma ghalfejn dil-battikata kollha. Jien nista' niffrankahielhom. Tifel bhal dan... tari.. delizzjuzzzz...

<u>Jersaq lejh, imma MOWGLI li jkun ghadu ma dahalx sew fin-nghas, jistenbah b'hasda.</u>

MOWGLI X'gara.. hawn x'inti taghmel ?

KAA Kont ghaddej minn hawn... u... u... gejt nara hux kollox sew. Skuzani li qajjimtek. Orqod... erga' orqod.

MOWGLI Nahseb li aktar ghandi guh milli nghas. Fil-fatt qed ninnota li llum ma tantx kilt. Forsi bl-eccitament tal-vjagg.

KAA Imma meta jidhol il-lejl, kulhadd suppost li jorqod.

MOWGLI Mela kif inti ghadek imqajjem ?

KAA *(Kaa jidhak b'malizzja).* Tassew tifel spirituzzzzz! Imma jiena serp u ahna s-sriep inbatu bl-inssssomnja. Ara Mowgli, ha noqghod hawn hdejk.... u nkantalek bil-vuci helwa tieghi, u tara kif malajr jaqbdek nghas tant hlejju li thossok miexi fuq is-shab.

MOWGLI Inti? Ha-ha-ha... mela inti taf tkanta? X'kull wahda wkoll!

KAA Iskot, ghax tqajjem lil Bagira, miskin... u dak ara kemm ilu jimxi. Ghandu bzonn lejl mistrieh.

MOWGLI Kanta... kanta... ha naraw ftit x'vuci ghandek.

<u>Waqt il-kanzunetta, MOWGLI jaqbdu nghas, jittewweb, jitmattar...ecc. Imma ma' tmiem il-kanzunetta, meta KAA jkun se jinxtehet fuqu biex jieklu, MOWGLI jiccaqlaq, jaqa' fuq BAGIRA, dan iqum b'hasda u KAA jispicca taht nett mghaffeg.</u>

## Kanzunetta - 1 *(serp)*

*(Trust in Me)*

Hawn jien hdejk,
Fejn riglejk,
Halli n-nghas
Jersaq lejk;

Tahseb xejn,
M'hawnx inkwiet,
X'telqa thoss,
F'dan is-skiet;

Kollox jinhall quddiemek,
Ma tafx sew fejn tinsab,
Thossok stordut, helu, helu qed teghreq gos-shab.

Hawn jien hdejk,
Nosservak,
Minn kull gwaj,
Niskansak.

---------------------------------------------------

Thoss zanzin
Go widnejk,
Orqod, strieh,
Hawn jien hdejk....

BAGIRA *(Iqum mahsud bla ma jaf sewwa sew x'inhu jigri)*

Hawn x'inhu jigri ? Wasla Xerkann? Hawn xi Haina? Xi Hanzir Selvagg ?

KAA — Ajma... farraktuli s-sinsla ta' dahri ?

BAGIRA — *(lil Kaa)* Hawn x'inti taghmel ?

MOWGLI — Kien qed ikantali biex norqod.

BAGIRA — Eh iva.. *(lil Kaa)* X'kont qed tkantalu ?

KAA — Hennejt ghalih.. ghax.. ghax ma kellux nghas. U miskin... kellu l-guh.

BAGIRA — Hmmm... jien akatr nahseb li <u>inti</u> kellek il-guh.

KAA — Ajma dahri. Nahseb li caqlaqtuli l-ilma ta' widnejja ghax qed nara kollox idur bija.

BAGIRA — U jekk se tibqa' hawnhekk ftit iehor mhux l-ilma ta' widnejk biss se ncaqlaqlek, imma qalbek ukoll.

KAA — Kollox sew.. kollox sew... arani sejjer. *(Lil Mowgli)* Nawguralek li tkun kuntent fil-villagg tal-bnedmin. Ajma l-mudullun tas-sinsla !

<u>KAA JITLAQ IZAPPAP.</u>

---

**Xena 2- B**

---

MOWGLI *(lil Bagira... irrabjat)* X'inhi din tal-villagg tal-bnedmin ?

BAGIRA *(ikkonfondut)* U ma tafx int Kaa kemm ihawwad. Tafx li dak kien se jipprova jieklok hux ?

MOWGLI Eh iva, ihawwad? Mela <u>dak</u> hu dan il-post sabih... post tal-holm li trid tohodni fih.

BAGIRA Mowgli, ismaghni sewwa. Fil-gungla ghadu kemm gie lura Xerkann....it-tigra... u dak ma jistax ghall-bnedmin. Ma nghidlekx kemm-il wiehed qatel. Qaluli li... li.. ga sarjaf bik.

MOWGLI Jien minix se nibza' minn bicca tigra !

BAGIRA Bicca tigra!! Dazgur!! Qed tghid hekk ghax ghadek qatt ma rajtu. Xerkann huwa l-aktar annimali kattiv u feroci li qatt deher. Hadd mhu kapaci jiqaflu. L-uniku post fejn ma jsibekx huwa biss fil-vilagg tal-bnedmin.

MOWGLI Imma jien rrid nibqa' hawn .... maghkom.

BAGIRA Mowgli, inti taf kemm inhobbuk. Imma wara kollox inti bniedem... u qed tikber.. postok m'ghadux aktar maghna.

MOWGLI Ma jimpurtanix. Jiena minix se niccaqlaq minn hawn.

BAGIRA *(jibda jitlef sabru)* Mowgli. Ikollok tisma' minni. Il-Lupu l-Kbir iridek tmur fil-villagg.

MOWGLI Imma jien hawn irrid nibqa'. Arani tlaqt lura.

BAGIRA Mowgli... ejja 'l hawn.

<u>Jitilqu jigru wara xulxin</u>.

<u>Jidhol Xerkann</u>

---

**Xena 2- C**

---

XERKANN Hmmm.... mela sewwa qaluli. *(ixammem b'makakkerija)* Tinxtamm sewwa riha tieghu. Shuna... tiftahlek l-aptit... tfuh! Ferh ta' bniedem tari baqta! Mhux soltu li hawn... fil-gungla... jkun hawn ferh ta' bniedem... wahdu. Okkazjoni unika. Xerkann ma tantx ihobb jitlifhom okkazjonijiet bhal dawn!
*(Jibdel it-ton ta' lehnu... Rabja)* M'hawnx aghar mill-bnedmin. Jigu ghalina bl-armi qerrieda taghhom u jonsbuna. Mhux biex jieklu u jkunu jistghu jghixu. Jeqirduni ghall-gost... biex jiehdu l-gilda taghna... jew l-avolju... jew l-ghadam.
Imma jiena.. il-kbir Xerkann... naf kif nithallas minnhom.
*(jerga' jintilef ixammem).*
Hmmm.. x'riha dik... qed inhoss laghabi niezel! Jehtieg infittex insibu.... u malli nsibu....!!!!

<u>JITLAQ</u>

---

# XENA 3

*Titla' l-PURTIERA TAN-NOFS.*

*Il-palk issa jidher bit-TLITT sigtiet ta' wara u t-TNEJN ta' quddiem.*

---

<u>MOWGLI kokka fl-art. Wara ftit iqum u jibda jippassigga bla hegga ta' xejn.</u>

MOWGLI U jien kont nahseb li Bagira habib tieghi. Dik hi l-hbiberija kollha...irid jehles minni. U l-Lupu l-Kbir ukoll. Basta kienu lkoll jghiduli li jien wiehed minnhom. Ma gara xejn...naf infendi ghal rasi.

<u>Jidhol Balù jkanta minn taht l-ilsien</u>

BALÙ Oj... oj... *(ihares lejn Mowgli)* Dan x'jahbat? Qatt ghadni ma rajt ors bla suf!

MOWGLI Inti minn qallek li jien ors ?

BALÙ Oj... oj! Dan ferh ta' bniedem. Hawn x'giebek 'il din-naha? Ma' min qieghed ?

MOWGLI Wahdi. Lili hadd ma jridni.

| | |
|---|---|
| BALÙ | X'jigifieri wahdek? Isma' tfajjel... jaqaw ghandek xi haga qed tinkwetak? |
| MOWGLI | U kieku stess. Lili hadd ma jista' jghinni. |
| BALÙ | Ara x'kull wahda wkoll! Taf xejn li jien qatt ma habbilt rasi b'xejn? |
| MOWGLI | Jekk ma jkollokx problemi bil-fors ma thabbilx rasek. |
| BALÙ | Le... mhux hekk trid tghid. Jien ma jista' qatt ikolli problemi. Hawn fil-gungla nsib dak kollu li jkolli bzonn. U jekk xi haga ma nsibhiex ikun ifisser li m'ghandix bzonnha. U la darba m'ghandix bzonnha m'hemmx ghalfejn ninkwietha dwarha. Qed tifhem issa? |
| MOWGLI | Leqq. |
| BALÙ | Ha-ha-ha... il-bnedmin tassew idumu ma jifhmu! Ara, qabel xejn, inti x'jismek tfajjel? |
| MOWGLI | Jien Mowgli. |
| BALÙ | U jiena Balù. |
| MOWGLI | Kieku mqar nista' nibqa' nghix hawn mieghek. |
| BALÙ | Mela le... bil-qalb kollha. Mieghi ma jkun jonqsok xejn. |
| MOWGLI | Bagira jrid johodni fil-villagg dal-bnedmin. |
| BALÙ | Fil-villagg tal-bnedmin. Dan ghaliex? |
| | <u>Jidhol BAGIRA.</u> |

------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**Xena 3 - A**

---

| | |
|---|---|
| BAGIRA | Ghax hemm postu! |
| BALÙ | Ara Bagira! Kif inti Baggy-Baby? |
| BAGIRA | Mowgli qieghed mieghi u se niehdu lura fil-villagg tal-bnedmin. |
| BALÙ | Imma jahasra l-bnedmin jahluh. Jaghmluh ragel ! |
| BAGIRA | *(lil Balù)* Ma tafx li f'dawn l-inhawi rega' wasal Xerkann. |
| BALÙ | Allura billi wasal Xerkann. Mowgli se jibqa' jghix hawn, mieghi. |
| BAGIRA | Eh iva... u kif tahseb li se jirnexxilu jghix ? |
| BALÙ | X'jigifieri: *kif tahseb li se jirnexxilu jghix?* Jiena nghallmu dak kollu li naf. |
| BAGIRA | Ma nahsibx li ddum aktar minn hames minuti. |

<u>Tinstema' l-Muzika ta' l-iljunfanti</u>

| | |
|---|---|
| MOWGLI | Dan x'hoss hu ? |
| BAGIRA | Dan jonqosna issa. Ir-rigment tal-Kurunell Hati. |

<u>Jidhlu l-Iljunfanti jkantaw:</u>

---

# Kanzunetta - 2 *(Iljunfanti)*

*(The Dawn Patrol)*

Ta’ kuljum, ghax hekk suppost,
Nimmarcjaw minn post ghal post,
Is’ghax il-hin sar
Passi goffi w kbar;
*One-Two-Three-Four*
Naghmlu xoghol tal-militar
Naghmlu xoghol tal-militar

Nimxu b’heffa dritt tnejn, tnejn,
Bla ma jaharbilna xejn,
Jekk xi nkwiet naraw,
Lil kulhadd navzaw,
*One-Two-Three-Four*
Izda nibqghu nimmarcjaw...
Izda nibqghu nimmarcjaw...

Bla waqfien kuljum sejrin,
Nimmarcjaw telghin, nizlin,
B’hegga lkoll nimtlew,
L-ordni nzommu sew;
*One-Two-Three-Four*
Allavolja tant neghjew
Allavolja tant neghjew !

------------------------------------------------------------------------------

HÀTI Kumpanija.... in gwardja !

<u>--- Muzika ---</u>

HÀTI Kumpanija.... lemin !

<u>--- Muzika ---</u>

HÀTI Kumpanija.... *relax !*

BALÙ L-ghodwa t-tajba Sur Hati....

HÀTI Kurunell Hati... ghall-informazzjoni tieghek!

BAGIRA Fejn sejrin dalghodu, Kurunell Hati ?

HÀTI Sejrin naqdu dmirna bhas-soltu. Ghax f'din il-gungla jehtieg li dejjem ikun hawn l-ordni, il-galbu, l-organizzazzjoni u fuq kollox:- id-dixxiplina. Minghajr dixxiplina jkun hawn biss il-kaos u l-anarkija.

MOWGLI *(lill-iljunfant iz-Zghir)* Inti wkoll fir-rigment.

ZGHIR Iva. U la nikber se nilhaq kurunell bhal missieri.

MOWGLI Ma teghjiex dejjem timmarcja ?

ZGHIR Iva... gieli neghja, imma tghidx kemm niehdu gost inkantaw.

HÀTI *(Ihares lejn Mowgli)* Hawn x'jiena nara? Dan ferh ta' bniedem. X'inhu jaghmel hawn?

BALÙ Dak jinsab mieghi.

BAGIRA Mieghi! U se niehdu lura fil-villagg tal-bnedmin.

HÀTI Sewwa. Hekk ghandu jkun! *(jigbed lil Bagira u lil Balu fil-genb)* U fil-fatt... ghandi sigriet xi nghidlilkom. Skond informazzjoni li waslitli.... informazzjoni ta' min jorbot fuqha... sigrieta... ghadda minn ghala widnejja... sirt naf baxx baxx.... bis-sahha tas-servizz *underground* li ghandi bhala Kurunell ta' l-aktar rigment importanti fil-gungla kollha. Mela x'inhu. Ghadda minn ghala widnejja.. li ... fil-gungla wasal.... wasal... Xerkann !!!

BALÙ *(B'timjil)* Tassew? Isma' x'kull wahda!!!

BAGIRA Dan kif sirt taf??

HÀTI Ma nistax nikser is-sigrieti professjonali tieghi. Kliem bejnietna. U ghalhekk taghmlu sew li lil dak il-ferh ta' bniedem tfittxu tihdux lura f'postu.

BAGIRA Kurunell Hati.... li kieku ma kontx inti ghalina ma nafx x'konna naghmlu.

BALÙ *(Lil Mowgli)* Smajt x'qal... hawn Xerkann!!

HÀTI Ixxxx... *(minn taht l-ilsien)* Sigriet statali... Hadd ma jaf hliefi. *(Idur fqu l-iljunfanti)* Kumpanija... in gwardja!

ZGHIR *(lil Mowgli)* Se jkolli nhallik. Forsi narak aktar tard. Sahha.

MOWGLI Sahha. U jekk tiltaqghu ma' Xerkann selluli ghalih.

HÀTI Attenti.... Paaaas.... Marc!

<u>--- Muzika ---</u>

<u>Iljunfanti Jitilqu</u>

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

**Xena 3 -C**

---

BAGIRA *(Lil Mowgli)* Smajt hux. Anki l-Kurunell Hati jaf dwar Xerkann.

MOWGLI Imma jien la jimpurtani mill-Kurunell u lanqas minn Xerkann. Jien se nibqa' hawn ma' Balu. Hux tassew?

BALÙ Mieghi hadd ma jazzarda jaghmillu hsara.

MOWGLI U mil-lum 'il quddiem jien m'ghadnix aktar ferh ta'bniedem. Jien sirt ors. Hux tassew Balù ?

BALÙ Ors bl-gheruq u x-xniexel!

BAGIRA Kollox sew la tridu hekk. *(Lil Balù)* Mela mil-lum 'il quddiem inti responsabbli tieghu. *(lil Mowgli)* U jekk issib ruhek f'xi saram ara ma tghidx li m'avzajtekx !

BALÙ Thabbel resek xejn Baggy-Baby. Balù qatt ma jahbbel rasu b'xejn.

<u>BAGIRA JITLAQ</u>

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

**Xena 3 - D**

---

Kanzunetta 3 *(ors)*

*(The Bare Necessities)*

Hawn ghandek, kull ma tkun tixtieq
Minn kull problemi zgur li tfiq,
Il-paci tista' ssibha mhux bil-ftit,
Ma thossok qatt se tmut bil-guh

Ghax l-ikel t'hawn jaghtik ir-ruh
Kull m'ghandek bzonn issibu bla tahbit !

Jien dejjem nitghazzen -- jien dejjem indur,
'Zda l-ikel bla dubju -- insibu zgur;
In-nahal jahdem bla waqfien
Biex jaghmel l-ghasel li nhobb jien,
U taht kull gebla li hawn fil-qrib
In-nemel bnin, bil-mijiet se ssib,
U nghidlek kul kemm trid,
Ghax kull ma jkollok bzonn issibu bla tahbit!
Minghajr tahbit!

Hawn ghandek, kull ma tkun tixtieq
Minn kull problemi zgur li tfiq,
Il-paci tista' ssibha mhux bil-ftit,
Ma thossok qatt se tmut bil-guh
Ghax l-ikel t'hawn jaghtik ir-ruh
Kull m'ghandek bzonn issibu bla tahbit !

Jekk tahdem bhan-nahla -- ix-xoghol se jifnik;
U x'hin taqa' mejjet -- hadd ma jibkik;
Tahlix zmien tfittex qalb it-trab
Dak kollu li mhux se jinstab;
Jekk trid xi haga w ma tafx minn fejn;
Jaqbillek zgur, tahseb fuqha xejn...
U thossok tghix mill-gdid;
Ghax kull ma jkollok bzonn issibu bla tahbit!
Minghajr tahbit!

-------------------------------------------------

BALÙ — Tafx li anki l-kant tieghek qisu ta' ors .

MOWGLI — Tassew? Mela mil-lum 'il quddiem jien se nibda nghix hajja gdida... hajja ta' ors.

BALÙ — U allura naghmlu festa. Jehtieg nieklu xi haga li tixraq lill-okkazjoni. Stennieni hawn ha mmur ingiblek xi haga specjali.

MOWGLI — Ha nigi mieghek....

BALÙ — Le, le... sorpriza... sorpriza...

BALÙ JITLAQ. Minnufih johorgu x-xadini u bla ma jhallu lil MOWGLI jinduna jmorru jinhbew wara z-zkuk tas-sigar. Dawn jibdew jidhku u MOWGLI jintebah li qed tigi xi haga stramba.

----------------------------------------------------------------------------------------------------

**Xena 3 - E**

---

MOWGLI — *(ihares lejn iz-zkuk tas-sigar)* X'gara? Min hawn?

Aktar dahk.

MOWGLI — Hmmm naf x'gara. *(ikompki jhares lejn is-sigar)* Bagira hux tassew? Ergajt gejt tfittixni. Kemm se ndum nghidlek li jien se nibqa' nghix hawnhekk ma' Balu. U issa jien sirt ors.

Ma' l-ahhar kelma jersaq ihares mill-qrib.
Ix-xadini johorgu f'salt u jahtfuh. Tqum tahbila shiha waqt li nisimghu ftit muzika u ritmi ta' tnabar.

MOWGLI Balù... Balù...

Ix-xadini jitilqgh b'MOWGLI b'kollox.
Jidhol Balù

BALÙ X'gara.. x'inqala'... MOWGLI..... MOWGLI....

Zewg xadini jghaddu jigru u jiddiehku minn wara s-sigar.
BALÙ jarahom.

BALÙ X'wahda din! Ix-xadini! Ix-xadini serquli lil Mowgli ! BAGIRA .... BAGIRA.....

BALÙ jitlaq jigri.

---

## XENA 4

*Tinzel l-purtiera tan-nofs.*
*Jibqghu jidhru biss iz-ZEWG sigriet ta' quddiem.*

---

Jidhol BAGIRA

BAGIRA X'gara? Dan donnu lehen Balù ! Balù ... Balù ...fejn inti ?

Jidhol BALÙ

BALÙ Bagira!!

BAGIRA X'gara dan l-ghajat kollu? Fejn hu Mowgli?

BALÙ Ma nafx! Le, mhux ma nafx... naf! Serquh ix-xadini!

BAGIRA X'inhu? Serquh ix-xadini? U inti ghidt li se tiehu hsiebu. Prosit ghalik.

BALÙ Mort biex ingiblu xi haga specjali... papaja u ghasel tan-nahal. Imma... imma se x-xadini ma tawnix zmien. Serquh.

BAGIRA Ghandi aptit inqabbez difrejja u ncarratlek l-istonku tieghek.

| | |
|---|---|
| BALÙ | Issa x'se naghmlu Bagira!? Jekk jaghmlulu xi haga nifqghalhom il-qurriegha ta' rashom. |
| BAGIRA | Stenna.. stenna. Ejja nikkalmaw ftit. Bil-fors li x-xadini ghandhom xi hsieb go mohhhom. Mela x'inhu. Dawk se johduh quddiem ir-Re Lu. |
| BALÙ | Ir-Re Lu??? Dak li jghix fit-tempju l-imwaqqa' ? |
| BAGIRA | Kollu kemm hu. |
| BALÙ | Immur insibu u nilwilu ghonqu. |
| BAGIRA | Ma nahsibx li jirnexxilna nersqu lejh kif gib u lahaq. L-ewwel nett ir-Re dejjem ikun imdawwar b'mijiet ta' xadini; u t-tieninett ir-Re Lu huwa orongutang salvagg. Biex insalvaw lil Mowgli nehtiegu mhux biss *sahha* imma ukoll *ghaqal*. |
| BALÙ | U jien inzertajt ghandi mit-tnejn. Imxi nfittxu t-tempju tar-Re. |
| BAGIRA | *(minn taht lilsien)* Jehtieg ma nhallux ix-xadini jarawna. Kollox baxx baxx. Imxi... tlaqna. |
| BALÙ | Jien ga ghandi pjan go mohhi.... |
| BAGIRA | X'mohh hu ? |
| BALÙ | Imxi. |

------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**XENA 5** *Jitilghu kemm l-PURTIERA TAN-NOFS kif ukoll iz-ZEWG sigriet ta' quddiem. Jitfacca t-TEMPJU (u t-TLIET sigriet ta' wara)*

---

<u>Jidhlu x-Xadini jghajtu u jiddiehku; igorru lil MOWGLI</u>

SEFTUR Sire... Sire... qbadnieh!

MOWGLI Halluni! Hawn x'gibtuni naghmel ?

XADINA 1 Ir-Re Lu jrid jarak...

XADINA 2 Irid josservak...

XADINA 3 Iridek hawn hdejh...

XADINA 4 Quddiem ghajnejh...

XADINA 5 Ha jkellmek daqsxejn...

XADINA 1 *(imiss idejn Mowgli)* U jmiss dawn l-idejn...

XADINA 2 Jaralek dirghajk....

XADINA 3 Spallejk u subghajk...

XADINA 4 Ha jsir jaf fi ftit hin...

SEFTURA Jekk int, hux tassew KUGIN!

RE Ersaq 'l hawn.... Buzullieqa!

MOWGLI Jien Mowgli jisimni.

RE Tajjeb! Mowgli-Buzullieqa. Ersaq 'l hawn.

SEFTURA *(lil Mowgli)* Mhux daqshekk vicin. Kemmxejn lura. Tajjeb hekk Sire ?

RE Tajjeb. Mela Buzullieqa.. ismaghni sewwa. Ghadu kemm ghadda minn ghala widnejna li dak il-pantera zmagat li jismu BIGILLA...

MOWGLI Bagira.

RE Iva.... Bigilla-Bagira. Smajt li jrid jiehdok fil-villagg tal-bnedmin.

MOWGLI Imma jien ma rridx immur.

RE Bravu l-Buzullieqa. Nahseb li inti tassew kugin ghax donnok gmielek thobb tixxadinja!

MOWGLI Jien irrid nibqa’ nghix hawn fil-gungla.

SEFTURA Ja wicc ta’ xadin!

RE Propju ghalhekk bghatt ghalik. Ghax nixtieq naghmillek proposta.

SEFTURA Meta r-Re jghid proposta jkun qed ifisser *kmand!*

RE *(lis-Seftura)* Inti se taghlaq halqek jew? Jien u l-kugin irridu nitkellmu ftit bejnietna. Rasi u rasu. Warrab lil hemm... sparixxi.

<u>SEFTURA twarrab ftit imma tibqa’ tissemma’.</u>

RE Jiena lest nipproregik; jigifieri nghinek biex hadd ma jkun jista’ jwarrbek mill-gungla. Naqbez ghalik.

MOWGLI Tassew?? Grazzi Sire? Dan kull ma ridt tghidli?

SEFTURA *(aside)* U mela le??? Ir-Re ma jaghti xejn ta’ xejn.

RE Naturalment, inti zgur li tixtieq tpattili ta’ din il-qalb tajba u nobbli tieghi. Minghandek nixtieq biss haga ckejkna.

## Kanzunetta - 4 *(Re Lu)*

*(I Wan'na Be Like You )*

Jien ir-Re tax-Xadini
Mahbub u rispettat,
Ilhaqt kemm stajt
Imm'issa xbajt
Il-hossni veru frustrat

Ghidli ferh ta' bniedem,
Dwar is-sigrieti l-kbar:
Kif il-bnedmin,
Fi ftit tal-hin
Kapaci jqabbdu n-nar !

Ju-Ju-bi-dubi-du
Irrid naf das-sigriet x'inhu
Ghidli ftit, dak li rrid --- Juhuhu;
Ju-Ju-bi-dubi-du
Ha jaraw dan ir-Re min hu;
Kwiet m'ghandix, thallinix -- nistenna!

***Waqt li tkompli ghaddejja l-muzika :-***

MOWGLI — Imma jien ma naf xejn dwar kif taghmel in-nar.

RE — Issa, m'hemmx cajt eh, Buzullieqa. Issa jien u inti ghamilna patt. Ftehim!

SEFTURA — *(Imur fuq Mowgli)* Ejja hej... fittex ghidilna kif taghmel in-nar. U tahraqnix, *Man!*

Jidhlu bil-mohbi BAGIRA u BALÙ

BAGIRA — Smajtu... mela dik hi kollha. Irid isir jaf is-sigriet tan-nar.

BALÙ — U jahraq il-gungla kollha. Ingerrimlu geddumu. Ara, kif naghmlu : jien nipprova naljenahom ftit u inti ara tahtafx lil Mowgli.

BAGIRA — Kollox sew. Imma kollox bil-galbu, eh!

Balu idawwar dublett ma' qaddu u maktur ma' rasu u johrog jizfen mar-RE. Imma BAGIRA qatt ma jsib cans jisraq lil MOWGLI

<u>Tkompli l-Kanzunetta</u>

RE Tinsiex li int tajtni kelmtek,
Tittrattanix ta' hmar,
Hawn jien kugin,
Is'ghidli xbin,
Kif naghmel vampa nar.

B'hekk inkun nista' nithallat
Bla biza' mal-bnedmin,
Inkun tant stmat
U rrispiettat
Bla ma jghajruni xadin !

Ju-Ju-bi-dubi-du
Irrid naf das-sigriet x'inhu
Ghidli ftit, dak li rrid
Nitkixxef....

<u>Ma' tmiem il-kanzunetta BALÙ jaqaghlu d-dublett. Ix-xadini jintebhu bih. Twerziq, ghajat, tnabar...</u>

SEFTURA Dak Balù... l-ors.

XADINI 1 Gie jisraq lill-Buzullieqa.

RE *(lil Balù)* Ersaq 'l hawn ja kobba suf imnittef.

Glieda bejn IR-RE u BALÙ. BAGIRA jipprova jisraq lil MOWGLI. Ix-xadini jahtfuhulu. Sa fl-ahhar jinstama' hoss ta' raghad, it-TEMPJU JAQA' u tinzel il-purtiera an-nofs

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

## XENA 6

*Quddiem il-PURTIERA TAN-NOFS u z-ZEWG sigriet ta' quddiem.*

---

Jidhlu, MOWGLI, BAGIRA u BALÙ jiddiehku.
Ftit battuti MUZIKA - *(Il-Kanzunetta ta' l-Ors)*

BALÙ — Imsejken Re... mhux talli baqa' ma jafx kif ikebbes in-nar, talli sahansitra tilef it-tempju ghaziz tieghu.

MOWGLI — *(lil Balù)* Rajtu kemm beda jwerzaq meta ra li kollox kien se jaqa' fuqu ?

BALÙ — Ma jafx li ma' Balù hadd ma jiccajta.

MOWGLI — Qatt ma dhakt daqshekk f'ghomri kollu.

BAGIRA — *(serju)* Isimghuni sewwa. Did-darba waqajt f'idejn qatta xadini boloh. Imma darba ohra minflok bluha ta' ftit xadini tista' tkun xi haga aghar minn hekk.

MOWGLI — Ma nergghux nibdew tafx. Ghal Xerkann qed tghid, hux? Minghalija konna ddecedejna li jien se nibqa' nghix ma' Balù.

BAGIRA — Iva... imma fit-triq jien u Balù tkellimna ftit bis-serjeta'. U Balù jaqbel mieghi.

MOWGLI — Mhux tassew. Qed tigdeb. Ghidlu li mhux veru, Balù. Hux ahna ftehemna li se nibqghu flimkien?

BALÙ — *(imbarazzat)* Iva, Mowgli...iva... li kieku inti kont ors ma kienx ikun hawn ors isbah minnek. Imma... ikollna nammettu. Inti bniedem. U la darba d-dinja hi hekk.... m'hemmx x'taghmel. Il-bnedmin posthom mal-bnedmin. U fuq kollox hemm fin-nofs Xerkann.

MOWGLI — *(imbikki)* Imma inti weghedtni li zzommni mieghek.

BALÙ — Iva, hanini, nixtieq... imma ma rridx li tigri xi bicca u nkun propju jien htija taghha.

MOWGLI — Jien kont minghalija li int habib tieghi.

BAGIRA Mowgli... ahna lkoll hbieb tieghek u rridulek il-gid.

MOWGLI Jien m'ghandix hbieb. Halluni.

<u>JITLAQ JIGRI 'L BARRA</u>

BALÙ Mowgli ejja 'l hawn....

BAGIRA Mowgli... Mowgli... Qed tara t-tfal tal-mu !!

<u>BAGIRA u BALÙ jitilqu jigru warajh.</u>
<u>Wara ftit BAGIRA jidhol min-naha u BALÙ min-naha l-ohra.</u>

BAGIRA Sibtu ?

BALÙ Le... ghosfor.

BAGIRA Raga' harbilna.

BALÙ Issa x'se naghmlu? Allahares tigrilu xi haga.

<u>MUZIKA ta' l-Iljunfanti.</u>
<u>Jidhol il-KURUNELL HÀTI mar-rigment.</u>

---

**Xena 6 - A**

---

| | |
|---|---|
| BALÙ | Hawn Kurunell... wasat ezatt fil-hin. |
| HÀTI | Dazgur. Ir-rigment dejjem ikun fil-hin. Puntwalita' assoluta. |
| BAGIRA | Emergenza Kurunell. Mowgli intilef. |
| HÀTI | Mowgli? Trid tghid dak il-feh ta' bniedem? |
| BALÙ | Iva... harbilna u jekk isibu Xerkann.... |
| ZGHIR | Papa... Mowgli habib tieghi. Jehtieg nghinuh. |
| HÀTI | *(Lil ibnu)* X'inhu? X'ghidtli? Papa' ???? |
| ZGHIR | Skuzani... Sur Kurunell... |
| HÀTI | *(lil ibnu)* Hekk ahjar. Meta tkun *on duty* mhemmx kunfidenzi, eh. |
| BAGIRA | Kurunell, jaqbel ma nitilfux zmien. |
| HÀTI | Dazgur... dazgur. Jehtieg minnufih inhejju pjan ta' azzjoni. *(jghajjat)* Rigment.... in gwardja. Ghandna quddiemna missjoni sigrieta. Nehtiegu voluntier kuraggjuz. Dak li jixtieq jipprezenta ruhu jaghti pass 'il quddiem. |
| | Waqt li HATI jkun dahru lejhom, ir-Rigment kollu minbarra LJUNFANT-1 (Surgent) , jaghtu pass LURA. ILJUNFANT-1 jibqa' fuq quddiem wahdu. HÀTI jdur u meta jarah wahdu jahsbu voluntier. |
| HÀTI | Prosit. Mela inti se zzomm f'mohhok id-dettalji kollha li se naghtik. *(lil BAGIRA u BALU)* Ahna l-Iljunfanti ghandna memorja eccezzjonali. Mela, Bagira, ghidli ftit:- X'kien liebes il-ferh ta' bniedem ? |
| BAGIRA | Xejn... kellu biss bicca ma' qaddu. |
| HÀTI | X'lewn kienet? |
| BAGIRA | Hmmm... x'lewn kienet Balu ? |
| BALÙ | Nahseb li hadra... le stenn... kannella. Insomma minix cert, forsi safra. Le, le issa qed niftakar: blu. |

HÀTI — Surgent hu nota: ma’ qaddu kellu bicca hadra, kannellija fl-isfar taghti fil-blu. Meta rajtuh l-ahhar?

BALÙ — Minuta ilu.

HÀTI — Ghidli preciz. Id-dettalji importantissmi.

BALÙ — Ma nafx ezatt. Kemm ilu, Bagira ?

BAGIRA — Zewg minuti ?

HÀTI — Surgent, zomm f’mohhok: minuta u tletin sekonda ilu. U lejn liema direzzjoni gibed ?

BALÙ u BAGIRA — *(Juru b’sunghajhom)* Lil hemm.

HÀTI — *(ihares ftit lejn is-sema).* Tajjeb... mela gibed f’direzzjoni ta’ 20 grad - Punent - Majjistru. Mela isimghuni sewwa.
*(Lis-Surgent)* Inti se timxi quddiem nett. Ahna se nkunu warajk. Malli tilmah l-ewwel passi tal ferh ta’ bniedem qis li taghtina s-sinjal. Imbaghad halli fi hsiebna.

ILJUNFANT-1 — Kurunell... kif ikun naf li l-passi huma tal-ferh ta’ bniedem.

HÀTI — Xommhom u tkun taf. *(Lil Bagira u Balu)* Tistghu sserrhu raskom. F’inqas min-nofs siegha... il-ferh ta’ bniedem ikun f’idejna mill-gdid. Dead or Alive!
*(Jghajjat)* Rigment... in-gwardja.

--- Muzika ---

BAGIRA Nahseb jaqbel li mmorru nfittxuh ahna wkoll.

BALÙ Ara, Bagira... inti igbeda 'l hemm u jiena lil hawn.

BAGIRA Tajjeb tlaqna.

---

**Xena 6 - B**

---

Jidhol XERKANN

Xerkann *(B'ironija)* Xi hlew. Mela l-ferh ta' niedem intilef. U miskin... jinsab wahdu. Mhux sewwa.... fil-gungla l-ebda ferh ta' bniedem qatt m'ghandu jkun wahdu. U ghalhekk jien se nara kif naghmel u nzommlu ftit tal-kumpanija. Ghandu ragun jghid li jrid jibqa' ghal dejjem hawn, fil-gungla. U jien se naqtaghlu xewqtu. Se nzommu hawn *(juri zaqqu)* mieghi.
*(Bi hruxija)* Incarrtu min-nofs b'tixjira wahda ta' difrejja. Neqirdu qabel ma jilhaq jikber... ghax jekk jikber dak isir bhalhom. Jibda jigi hawn ghalina, bl-armi tan-nar f'idejh. Neqirdu qabel ma jkun tard wisq.
*(Jerga' bl-ironija ta' qabel)* U jien m'ghandix bzonn ir-rigment stupidu ta' dak l-izmagat ta' Kurunell. Jien ghandi n-naska... inxomm sa l-inqas pass. Se jkolli nhallikom ghax il-pranzu qed jistennieni.

Jitlaq.

---

## XENA 7

*TITLA' l-PURTIERA TAN-NOFS.*
*Naraw is-sigra tal-VULTURES fuq il-PURTIERA S-SEWDA.*
*L-erba' VULTURES taht is-sigra.*

---

Effetti ta' raghad u maltemp
L-erba' VULTURES taht is-sigra. Iharsu cassi madwarhom . . . statici.

VULT-1 Gej il-maltemp donnu. Jien xbajt inhares u niccassa.

VULT-2 Tridux noqoghdu naghmlu xi haga ?

VULT-3 Iva... ejjew! Ahsbu f'xi haga x'nistghu naghmlu.

VULT-4 Imma ghid x'naqbdu nahsbu ? *(Lil Vult-3)* Inti x'tixtieq naghmlu ?

VULT-3 Xi haga... tkun li tkun.

VULT-2 Kollox sew. Naghmlu xi haga. Imma x'haga hi ?

VULT-1 Uff kif xbajt. Ahjar tibda niezla x-xita.

VULT-4 Mhux xorta ma nkunu ghamilna xejn ???

VULT-1 Ta' lanqas noqoghdu nharsu u niccassaw lejn ix-xita.

VULT-4 Int m'ghidtx li xbajt thares u ticcassa ???

VULT-2 Uff xi dwejjaq. Ahsbu f'xi haga.

VULT-3 Kollox sew... Intom x'tixtiequ naghmlu ?

L-OHRAJN Tergax tibda.. tafx.

VULT-3 *(Ihares fil-boghod)* Isktu ftit. Naheb li sibtilkom x'nistghu naghmlu. Harsu daqsxejn wahda lil hemm. Dak xi jkun li gej 'l hawn ?

Jidhol MOWGLI mnikket. Vultures jigri jduru madwaru.

VULT-1 Ara x'kull wahda!! Dan nittfuli rixu kollu.

VULT-2 U qatghulu gwenhajh barra.

VULT-3 Imma saqajh irqaq bhal ta' russett.

VULT-4 U waqaghlu munqaru.

Jinfexxu jidhku bih u jmissuh.

MOWGLI Kollox sew. Idhku kemm tridu. Naf li jien tad-dahk. Ghalhekk hadd ma jridni mieghu.

Il-Vulures jersqu kemmxejn fil-genb jithaddtu bejniethom.

VULT-4 Nahseb li offendejnieh.

VULT-1 Miskin... kemm jidher wahdu.

VULT-2 Tassew donnu m'ghandu lil hadd fid-dinja.

VULT-3 Bil-fors li ghandu bzonn min jghinnu. *(jersqu lejh)* Isma' Sur... *(idur ftit lejn shabu)* X'naqbad insejjahlu?

| | |
|---|---|
| VULT-4 | *(minn taht)* Ghidlu “Sur Sinjur” |
| VULT-3 | Isma’ Sur Sinjur... skuzana jekk iccajtajna xi ftit bil-goff. |
| VULT-1 | Ma ridniex noffenduk. |
| VULT-2 | Ahna dejjem nitbellhu. Imma nixtiequ nkunu hbieb tieghek. |
| MOWGLI | Jien ma rridx hbieb. Il-hbieb kollha li kelli dahku bija. Ma jridunix nghix maghhom. |
| VULT-4 | Imma sieheb... hadd ma jista’ jghix minghajr hbieb. |
| VULT-1 | Fl-inkwiet il-hbieb issib l-ewwel. |
| VULT-3 | Habib jiswa mitqlu deheb. |
| VULT-2 | Isa... trid tkun habib taghna ? |
| MOWGLI | Tergghu tittraduni bhalma ghamlu Bagira, Ir-Re u Balu. |

# Kanzunetta - 5 *(vultures)*

*(That's What Friends Are For)*

Erba' hbieb -- ghandek hawn
Zgur ma ssibx
Hbieb helwin daqs dawn *(helwin daqs dawn...)*

Xhin il-maltemp *(Xhin il-maltemp)*
Thoss jaghmel bik, *(Thoss jaghmel bik)*
U r-rih kattiv *(U r-rih kattiv)*
Qed jistordik *(Qed jistordik)*

U tkun tixtieq bla telf ta' zmien issib
Ghajnuna fil-qrib,
Tkun tehtieg habib!
Li lest idahhlek taht gwenhajh
U l-kenn dlonk jaghtik,
Dan rigal ghalik.

Jekk thossok sfajt
Maghkus bl-nkwiet,
U twaqqa' wkoll,
Xi zewg rixiet.
Ikollok bzonn malajr habib biex jikkunslak
U bi xkupilja forsi anki joqghod jibbraxxjak! *(jibbraxxjak)*

*(Vucijiet:)*
Ghax hbieb tassew
Lil qalbek b'ferh jimlew, *(bil-ferh jimlew)*
Minghajr habib
It-triq zgur qatt ma ssib;
Habib li dahhlek taht gwenhajh
U l-kenn dlonk jaghtik,
Dan rigal ghalik.

========================

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## Xena 7 - A

---

Ma' tmiem il-kanzunetta jibda jberraq u jinstama' hafna raghad.
Jaqbez fin-nofs Xerkann.

XERKANN Hawn... mela sibtek sa fl-ahhar.

Il-Vultures jitwerwru u jitgeddsu go rokna.

XERKANN Ersaq lil hawn.... ersaq ja ferh ta' bniedem. Qaluli li tixtieq tibqa' tghix fil-gungla, hux tassew? Tajjeb. Ersaq 'l hawn ha nghidlek kif se naghmlu.

Jidhlu BAGIRA u BALÙ

BALÙ Hawn... ja qattus miblul!. Maghna ghandek taghmilha.

BAGIRA Ejja ha naraw kemm inti f'sahhtek.

MUZIKA... beraq u raghad.
Glieda bejn XERKANN, BALÙ u BAGIRA. Il-Vultures ukoll imorru jduru madwaru biex ifixkluh. Wara ftit.....

VULT-1 Ara... *(Ihares fil-boghod)*... is-sajjetta harqet dik is-sigra t'hemm.

VULT-2 Iva... ara... saret huggiega wahda.

MOWGLI Ibqghu fixklu lil XERKANN... jien daqt gej lura.

Il-glieda tkompla. Wara ftit jidhol MOWGLI b'zokk f'idu (gamra) u bih jersaq lejn XERKANN.

MOWGLI Hawn jien Sur XERKANN.... gejt biex nibqa' nghix mieghek gol-gungla.

XERKANN Le... le... mhux bin-nar. Nehhi dak in-nar minn idek... Le.. le... ajjut ajjut....

Kulhadd jitlaq jigri wara XERKANN.
Tinzel il-Purtiera tan-nofs.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# XENA 8

*Quddiem il-PURTIERA TAN-NOFS.*

*Palk battal.*

*Sadattant fuq wara, trid titwarrab is-Sigra tal-Vultures u titla' wkoll il Purtiera s-SEWDA biex jitfacca l-Villagg.*

---

Jidhli MOWGLI, BALÙ u BAGIRA jidhku.

MOWGLI — Dik hi l-arja kollha tieghu. Ghosfor.

BALÙ — U tista' tibqa' cert li mhux se jersaq aktar lil hawn. Xerkann ma jibza' minn xejn hlief minn haga wahda. Min-nar.

MOWGLI — Mela, la darba mhux se jersaq aktarlil hawn... jiena nista' nibqa' nghix fil-gungla.

BAGIRA — Mhux se jersaq aktar lil hawn ghal issa. Imma tista' toqghod fuq kliemi li llum jew ghada, jerga' lura. Xerkann ma jcedix malajr.

MOWGLI — Tajjeb... mela jien nibqa' maghkom ghal issa... sa ma Xerkann jrerga' johlom bina.

BAGIRA — Ara issa wara dik il-battikata kolha ma' Xerkann, nahseb li jaqbel nistriehu ftit. Ilna nimxu l-lejl kollu u donnu ga beda jisbah.

BALÙ — Nghidilkom is-sewwa jien nhossni kemmxejn ghajjien u raqda zgur taghmilli tajjeb.

BAGIRA — Mela, ara.. imxu nitgeddsu go dak il-haxix t'hemmhekk.

Jidhlu 'l gewwa u minnufih TITLA' l-Purtiera tan-nofs Jitfacca l-Villagg. MOWGLI, BAGIRA u BALÙ jergghu johorgu.

MOWGLI *(Ihares lejn il-Villagg)* Bagira... dak x'post hu ?

BAGIRA Dak huwa l-villagg tal-bnedmin.

MOWGLI Il-villagg tal-bnedmin? Qatt ma rajtu qabel.

<u>Tohrog it-tifla.</u>

MOWGLI Ara.. ara .. Bagira... dik xi tkun.

BAGIRA Dik jghidulha tfajla.

MOWGLI Tfajla? Qatt ma rajt haga bhalha.

BALÙ Kollox sew, issa rajtha ! Imxi mmorru nistriehu.

MOWGLI Stenna stenna rrid naraha aktar mill-qrib.

BALÙ Ahjar ma tara xejn. Dawk idahhluk fl-inkwiet kollu tad-dinja. Imxi.

## Kanzunetta - 6 *(tifla)*

*(My Own Home)*

M'hemmx ahjar
Minn did-dar,
M'hemmx ahjar
Mill-ferh kbir tad-dar.

Mar missieri fil-foresta
Sabiex l-ikel mn'hemm isib,
Ommi qieghda tlesti l-borma,
Biex issajjar dak li jgib.

M'hemmx ahjar
Minn did-dar...

Jiena nbakkar kull fil-ghodu
Nibda x-xoghol bla telf ta' hin,
Nitlaq lejn ix-xatt tax-xmara.
Nimla garra bl-ilma bnin,

M’hemmx ahjar
Minn did-dar...

Ghad xi darba jkolli tifla,
U flimkien inferrhu d-dar,
Lilha nibghat ha ggib l-ilma,
Waqt li nsajjar fuq in-nar.

M’hemmx ahjar
Minn did-dar...

=========================

Ma’ tmiem il-Kanzunetta MOWGLI u t-Tifla flimkien iharsu lejn xulxin f’burdata romantika.

BALÙ Mowgli.. ejja ’l hawn... ejja.

BAGIRA Le.. Mowgli.. ibqa’ sejjer.

BALÙ Le... isma’ minni Mowgli... ejja lura.

BAGIRA Mur.. Mowgli... mur...

MOWGLI jaqbad id it-TFAJLA u jitlaq maghha.

BALÙ Dik hi kollha. Dawritlu l-ingassa m’ghonqu ghal ghomru kollu.

BAGIRA Hekk sejra d-dinja. M’hemmx x’taghmel Balu-Baby. Issa Mowgli jinsab f’postu u allura jaqbel li ahna wkoll immorru lura lejn postna.

BALÙ Heqq... nahseb li ghanek ragun. Hekk sejra d-dinja. Nittama biss li Mowgli jkun kuntent. Nghid ghalija, jien kuntent dejjem... ghax jien, fil-gungla, ghandi dak kollu li nkun nehtieg.

Repetizzjoni tal-Kanzunetta ta’ l-Ors

*(The Bare Necessities)*

------------? SEPARJU?-----------